**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Laqgha Annwali tal-Lokalita li nżammet fis-Sala tal-Kommunita', fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 27 ta' Jannar 2015 fis-7:00 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**Skużati**

| | |
|---|---|
| **Kunsillier** | Vincent A. Galea |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |

**Numru ta' Residenti Prezenti - 6**

Il-laqgħa bdiet fis-7.00 p.m. billi ntqalet it-talba. Is-Sur Vincent A Galea u L-Ambaxxatriċi Żagħżugħa Rebecca Chircop avzaw li ma steghux jattendu u ġew skużati.

Is-Sindku beda billi spejga l-funzjoni tal-Laqgħa Annwali u heggeg lir-residenti sabiex jieħdu sehem attiv billi jistaqsu halli jiksbu l-informazzjoni li jixtieq kif ukoll jirrikomandaw suggerimenti u jressqu ilmenti fuq dak li ghandu x'jaqsam mal-lokalita' u l-Kunsill Lokali kif ukoll dwar l-Estimi Finanzjarji li ser jigu prezentati f'din il-Laqgha.

Is-Sindku ghadda biex qara r-Rapport Amministrativ li elenka l-hidma tal-Kunsill fil-2014 kif ukoll ta dettalji dwar il-progetti li kien qed jahdem fuqhom il-Kunsill u qed jippjana ghal din is-sena kalendarja.

Hu semma li l-Kunsill matul l-2014 iltaqa 20 darba kif ukoll inzammu diversi laqghat ma Ministri u Dipartimenti tal-Gvern u entitajiet ohra. Inghata rendikont tal-hidma tajba li wettqu s-Sotto Kumitati kif ukoll tad-diversi laqghat u attivitajiet li gew organizzati.

Matul is-sena kien gie installat l-apparat mehtieg sabiex il-laqghat tal-Kunsill ikunu jistghu jigu live streamed halli b'hekk kulhadd ikollhu l-opportunita' li jsegwi b'aktar kumdita' l-operat tal-Kunsill. Gew konkluzi diversi progetti fosthom l-installazzjoni ta' chair lifter, il-progett tal-bini mill-gdid tal-Gnien tal-Ponta u l-Progett ta' Gnien il-Paci.

Mill-lat amministrattiv l-2014 kienet sena impenjattiva hafna peress li l-Kunsill kellhu jiehu passi sabiex inehhi s-Segretarju Ezekuttiv u jahtar Agent Segretarju Ezekuttiv gdid filwaqt li wahda mill-iskrivani irrezenjat sabiex tkun tista issegwi kors l-Universita' u ghalhekk kellna insegwu l-process sabiex tintghazel skrivana ohra.

Is-Sindku kkonkluda billi rringrazzja lill-membri kollha tal-Kunsill għall-impenn tagħhom, lill-Agent S.E u lill-istaff kollu tal-Kunsill għall-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom. Hu irringrazzja ukoll li dawk il-haddiema li jahdmu fil-lokalita' u b'mod speċjali irringrazzja lir-residenti ghall-appogg u l-koperazzjoni taghhom. Fl-ahhar hu fakkar li fi ftit xhur ohra fir-rahal taghna ser ikollna l-elezzjoni sabiex jinhatar Kunsill ġdid. Hu awgura lill-Kunsillieri li ser jiġu eletti l-hidma t-tajba u heggeg lir-residenti sabiex johorgu jivvutaw kif ukoll jaghtu l-appogg taghhom lill-Kunsill il-gdid li ser jinhatar halli b'hekk Hal Gharghur jibqa jkun wiehed mill-aqwa postijiet residenzjali fil-Gzejjer Maltin.

Ġew ippreżentat u spjegati l-Estimi Finanzjarji għas-sena 2015 fejn inghataw dettalji tad-dhul u l-hrug li l-Kunsill qed jipprogetta li jkollu matul is-sena.

Hawnhekk is-Sindku stieden lir-residenti preżenti biex jagħmlu l-intervent tagħhom.

Is-Sinjura Carmen Fenech staqsiet rigward il-Budget għas-Sotto Kumitati. Is-Sindku informa li kull Sotto Kumitat ser ikollhu allokati €1,000 ghal hidma ordinarja tieghu filwaqt li ser ikollu ukoll somma addizzjonali sabiex tiffinanzja l-attivitajiet li normalment jiġu organizzati kull sena.

Is-Sinj. Fenech innotat li matul is-sena l-Kunsill kien kesa bil-konkos parti minn Sqaq il-Qiegħed u staqsiet jekk hux ser isir aktar xoghol f'dan l-isqaq. Is-Sindku ikkonferma li kif il-Kunsill ikollhu l-fondi ser isir aktar kisi bil-konkos.

Il-Kunsillier Alfred Muscat ghamel suġġeriment biex l-Laqgha Annwali issir filgħodu biex l-anzjani jkunu aktar imħajrin jattendu. Ġie innutat minn dawk preżenti li dan is-suggeriment ifisser li jekk isir hekk nkunu qed inċaħħdu l-opportunità lil dawk li jaħdmu milli jattendu.

Is-Sur Owen Muscat staqsa rigward il-bini tal-bankini fi Triq Fra Dumink Mifsud. Is-Sindku infurmah li din it-triq ser tinkesa mill-gdid bit-tarmak wara li jinbidel il-main tal-ilma taht skema ta' PPP. Il-Kunsill ma inghatax fondi sabiex jinbidlu l-bankini però jekk ninghataw fondi aktar il-quddiem il-bankini jsiru ukoll.

Is-Sur Giljan Bezzina staqsa jekk is-surplus tal-fondi li kellu l-Kunsill fil-2014 hux ser jibqghu ghand il-Kunsill. Is-Sindku ikkonferma.

Peress li ma kienx hemm aktar mistoqsijiet etc. is-Sindku ħeġġeġ lir-residenti biex iżommu kuntatt regolari mal-Kunsill u l-Kunsillieri tul is-sena kollha u irringrazzjahom li hadu l-interess u attendew il-laqgha. Il-laqgha ntemmet fit-8.00pm.

| | |
|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |